**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 30 ta' Gunju 2016**

Rikors Guramentat Nru. 271 / 06RGM

Kawza fil-lista: 11

**A B**
**vs**
**C *sive* D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu fil-21 ta' Gunju tas-sena 1990, skont ma jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg relattiv.

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett (3) itfal, senjatament Andre', Roberto u Dario, ta' hmistax (15), tnax (12) u hdax (11)- il sena rispettivament.

3. Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti konjugi B tkisser irrimedjabbilment u l-hajja matrimonjali ta' bejniethom saret impossibli minhabba theddid, sevizzi, eccessi, mohqrija, ingurji gravi kif ukoll vjolenza da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-esponenti, u in oltre minhabba inkompatibilita' serja ta' karattru bejn il-partijiet u dan kif ser jigi ppruvat fil-rnori tal-proceduri odjerni.

4. Illi l-esponenti ghamlet diversi tentattivi sabiex issalva z-zwieg, b'dan illi cioe nonostante l-konvenut xorta wahda baqa' abbuziv fil-konfront taghha u dan sahansitra anke fil-bini ta' dina 1-Onorabbli Qorti, waqt illi l-partijiet kienu qed jippruvaw jaslu ghal ftehim, u dan kif ser jirrizulta fil-mori tal-proceduri odjerni.

5. Illi effettivament kien hemm diversi okkazjonijiet fejn il-konvenut kien fizikament u psikologikament abbuziv fil-konfront ta' l-esponenti u dan kif ser jigi kkonfermat mill-provi li ser jingabru fil-kawza odjerna.

6. Illi in oltre l-konvenut qieghed jghix ukoll hajja ta' guvni u dan billi qed johrog wahdu u jdum barra sas-sieghat bikrin ta' filghodu filwaqt illi jhalli lill-esponenti wahedha d-dar.

7. Illi in oltre anke ghal dak illi lill-minuri msemmija, kienet dejjem l-esponenti li hadet hsieb u segwit l-izvilupp ta' uliedha u dan fin-nuqqas ta' kwalunkwe ghajnuna da parti tal-konvenut.

8. Illi l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi b'din l-istanza permezz ta' Digriet datat 3 ta' Awwissu 2006,

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din 1-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet fuq premessi u imputabbli unikament u esklussivament lill-konvenut;

2. Tordna illi l-kura u kustodja ta' l-ulied minuri, Andre', Roberto u Dario jigu fdati unikament u esklussivament f'idejn 1-esponenti fl-ahjar interess ta' l-istess minuri;

3. Tordna lill-konvenut ihallas manteniment adegwat ghall-istess esponenti u ghall-minuri imsemmija.

4. Tapplika d-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 48, u 51 sa 55A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-konvenut u favur 1-esponenti;

5. Tiddikjara, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, x-xoljiment u konsegwenti likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, b'mod illi jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet skont il-Ligi, filwaqt illi jigu dikjarati proprjeta' unika ta' l-attrici dawk l-oggetti parafernali taghha.

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci.

7. Tordna li ssir l-annotazzjoni relattiva tas-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi qieghed jigi ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi huwa ma jopponix illi tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti pero din ghandha tigi ppronunzjata minhabba htijiet imputabbli lill-attrici.

2. Illi huwa jopponi ghat-tieni talba ghaliex li l-kura u kustodja tat-tlitt ulied minuri ghandha tigi fdata lilu u mhux lill-attrici, u dan stante illi l-attrici m'hijiex il-persuna idoneja biex tiehu hsieb l-imsemmija minuri, anke tenut kont tal-fatt illi kienet hi li tat lok ghall-firda.

3. Illi l-esponent jopponi ghat-talba biex jigi kkundannat ihallas manteniment stante illi l-attrici ghandha tigi ddikjarata li ddekadiet mid-dritt li titlob manteniment, u stante li t-tieni eccezzjoni fejn qieghed jissottometti li l-kura u kustodja ta' l-ulied ghandha tigi fdata lilu.

4. Illi l-esponent jopponi ghar-raba' talba stante li una volta t-tort tal-firda hija ta' l-attici s-sanzjonijiet ghandhom jigu applikati fil-konfront taghha.

5. Illi l-esponent ma jopponix ghall-hames, is-sitta u s-seba' talbiet purche illi fil-qasma jigu applikati s-sanzjonijiet fil-konfront ta' l-attrici kif eccepit fir-raba' eccezzjoni.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-attrici skont id-digriet ta’ din il-Qorti tat-28 ta’ Awwissu 2006;

Rat l-affidavit tal-attrici u ta’ ohtha Salvina Frendo Cumbo annessi ma’ nota pprezentata fis-26 ta’ Ottubru 2006;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-16 ta’ Novembru 2006 fejn giet nominata bhala Perit Legali l-Avukat Dottor Ruth Scott;

Rat in-nota guramentata tal-attrici fit-termini tad-digriet tas-6 ta’ Dicembru 2006;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-7 ta' Frar 2007, fejn il-konvenut gie ordnat ihallas lill-attrici retta alimentarja ta' LM120 kull erba' gimghat bhala manteniment ghat-tlett ulied minuri, li ghandu jigi depositat f'kont bankarju indikat mill-istess attrici;

Rat l-affidavit tat-tabib Dottor Reuben Griscti tat-22 ta' Jannar 2007 dwar il-feriti ta' natura hafifa sofferti mill-attrici u c-certfikati medici rilaxxjati mill-Isptar San Luqa;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Marzu 2007 fejn il-konvenut bla pregudizzju, offra li johrog mid-dar matrimonjali u jmur fil-fond sovrapost il-hanut "Gardjola" fil-Hamrun;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-28 ta' Gunju 2007 fejn l-attrici giet awtorizzata tibdel is-serraturra tad-dar matrimonjali biex jigi evitat li l-konvenut jissorprendiha fl-imsemmija dar;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-24 ta' Settembru 2009 li permezz tieghu giet nominata Dr Stephanie Galea bhala Avukat tat-Tfal;

Rat ir-rapport ta' Dr Stephanie Galea ppresentat fl-20 ta' Ottubru 2009;

Rat id-digriet tal-14 ta' Ottobru 2010, fejn il-Perit Legali giet awtorizzata tisma ix-xhieda ta' Dottor Peter Muscat;

Rat ir-rapport tal-Perit Psikjatra Dottor Ethel Felice mahluf fit-3 ta' Gunju 2011, u dak addizzjonali taghha ppresentat fis-17 ta' Frar 2012;

Rat is-sentenza ta' din l-Qorti tas-16 ta' Mejju 2012 li permezz taghha giet milqugha t-talba tal-attrici li l-kliem separazzjoni personali/ firda personali jigu sostituti bil-kelma 'divorzju' u dan fir-rikors guramentat, fir-risposta guramentata u kull fejn jirrikorru;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dottor Ruth Scott mahluf fl-14 ta' Mejju 2015;

Rat n-nota tal-konvenut bi kritika ghar-rapport peAli;

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawza tinsab diffeA ghallum ghas-sentenza;

**IL-PROVI.**

L-attrici, A B, fl-affidavit taghha, Fol 24 et seq, tiddikjara li ltaqghet ma' zewgha, C fi Frar 1990, hi kienet tahdem go fabbrika u hu kellu il-hanut bil-kera. Iltaqghet mal-familja tieghu u kienet mistiedna ghat-tieg tat-tifel ta' ohtu wara xi xahrejn li kien ilhom johorgu flimkien. Wara ftit xhur biss il-konvenut beda juri l-attitudini aggressiva tieghu. Kien jiksirha quddiem in-nies meta kienet tkun tahdem mieghu fil-hanut. Wara tlett xhur li kienu ilhom johorgu flimkien skopriet li kienet tqila. Hi tghid li "C kien ser itir bil-ferh" u qalilha biex jizzewgu. Iltaqghet ma' hutu, kollha bdew jitkellmu fuq data taz-zwieg tant li hassitha imbarrazzata billi ma ippartecipatx f'din d-diskussjoni. Kienu huma li iffissaw id-data taz-zwieg ghall-21 ta' Gunju 1990. L-attrici tghid li hasset li l-familjari ta' C kienu jindahlu hafna izda hi dejjem ippruvat izzomm il-kwiet.

Ghall-ewwel xahrejn taz-zwieg ma kellhomx problemi, izda ftit wara C beda jghajjat maghha ghal kull haga ta' xejn u jghajjarha bil-familjari taghha. Meta bdiet tirrispondih billi ghall-ewwel ma kinitx, beda jerfa' idejh fuqha. Hi tghid li anke meta kienet tqila bl-ewwel tarbija kien imbuttha u ta' daqqa fuq wiccha u fuq ghajnejha. Hi tirrakkonta okkazzjoni, fil-Gimgha il-Kbira meta marru ghand ommha u ma sabhuhiex id-dar. Meta marru lura f'darhom beda jghajjarha b'ommha, tefaghha fuq is-sodda, zammha b'saqajh u beda jaghtiha bl-addocc, tant li l-ghada kellha t-tbengil, ghamlet rapport mal-Pulizija u marret l-Isptar.

Darba ohra kellhom ghandhom it-tifel ta' oht C, Keith ta' 9 snin, u C beda jiggieled maghha u jsawwatha bil-'cowboy boots' quddiem it-tifel, tant li qasmilha rasha bid-daqqiet. Marret l-Ghassa tal-Pulizija fil-Hamrun, gabulha l-Ambulanza, haduha l-Isptar u ghamlulha il-punti f'rasha. Tghid li meta rritornat l-Ghassa, zewgha talabha skuza u hafritlu. Kienet dejjem tibza' minnu izda dejjem tispicca tahfirlu. Hi tghid li barra l-vjolenza, C kien jqatta' hafna barra mid-dar u ried jibqa jghix hajja ta' guvni u hi id-dar tlessthielu l-ikel u tiehu hsieb id-dar u t-tlett ulied.

Il-konvenut , wara gurnata barra, jirritorna id-dar fl-10pm, u jaqbad jiggieled mal-girien u wara kien jinfexx fiha. L-attrici issemmi incident li gara fl-Imsida, meta zewgha quddiem it-tfal u fil-pubbliku refa' idejh fuqha. Kienet cemplet lill-kugin taghha, Fr. Joe Bajada li hadha 'Merhba Bik'fejn damet gurnata u lejl flimkien maz-zewg uliedha iz-zghar. Il-konvenut mar mal-familja tieghu u hi bhas-soltu hafritlu.

Biz-zmien is-sitwazzjoni baqghet dejjem tiggrava il-konvenut kien jaghmel gimgha sew u wara jerga' lura ghall-attitudini aggressiva u vjolenti. Kien jkollhom x'jghidu kwazi kuljum u kienet dejjem tghix fil-biza'. Tghid li ommu kienet tindahlilha x'kellha issajjar u kif tahsel u tiehu hsieb it-tfal.

Tghid li l-konvenut u ommu kellhom l-istess karattru, dejjem ghandhom ragun u jafu kollox. Fid-dar taghha kollox kien isir kif jghid zewgha u kif jghidu hutu u ommu. Kienet thossha li ma kellhiex dritt titkellem, u kienet hemm biss biex issajjar u ghas-sodda biex jinqeda hu. Omm il-konvenut kienet tghinhom, kemm bl-ikel u anke bi flus, pero' kienet tindahhal wisq. L-attrici qaltilha li binha kien issawwatha, u rrisponditha "mhux kulhadd ghandu xi haga..........C qisu nhar tat-tiben u nervuz." Meta kienet tghidilha li jekk jibqa' vjolenti maghha titilqu, ommu kienet tghidilha li jekk taghmel hekk iggennu billi hu sensittiv. L-attrici tghid li kien ghalhekk li zammet lura, pero' kienet qed tghix fl-infern u ma felhitx aktar. It-Tabib Dr Adrian Vassallo kien ra t-tbengil li kellha u kien qal lill-ommha.

Ftit qabel izzewgu saret taf li l-konvenut kien rikoverat Monte Karmeli billi kellu 'depression' u kien ser jikkommetti suwicidju u kienu lahquh ezatt. Meta ikkonfrontat il-konvenut, ammetta u rrakkontalha l-istorja kollha. Qalilha li hu kien qed jiffissa ghax kien qed jitlef xaghru. Kien ipprova jitghallaq fil-kamra tal-bejt, lahqu ezatt ir-ragel ta' ohtu u haduh l-Isptar Monte Karmeli fejn zammewh ghall-kura u osservazzjoni. Il-familjari tieghu kienu jipprovaw jghathulu, u lilha qalulha ' dik bluha ta' mohhu'.

Wara tmien snin jghixu fi flat l-Imsida, C ried jitlaq minn hemm ghax baqa' ma deherax l-ambjent u kien dejjem jiggieled mal-girien. Bieghu l-flat li kellhom u xtraw dar bil-prezz ta' LM35,000. Irrangaw kollox il-konvenut u ohtu, hi ma haditx parti, tghid li bhas-soltu ma nkluduha f'xejn, qisa ma tezisthix. Anke fid-dar il-gdida il-konvenut kien jkollu xi jghid mal-girien. Kien gheddet lil certu Silvio li ser joqtlu fil-presenza ta' martu. Hi baqghet tghix hajja ta' infern billi baqa' issawwatha, izda kienet tibza li tiehu l-pass li titilqu. L-attrici tghid li zewgha kien vjolenti u jabbuza minnha fis-sess. Tirrakkonta kif meta kien xurban u rrifjutatu ta' daqqa f'rasha, gera warajha u ta' daqqa ta' curkett fuq ghajnejha u widnejha, baqa' issawwatha u t-tifel Andre' ipprova jwafqu. Hu waqaf meta ra id-demm hiereg minn halqha.

L-attrici kienet iccempel lill-ohtu Tessie, tghidilha bil-vjolenza li kienet qed issofri u din kienet tghidilha 'hu pacenzja ghandek ragun'. L-attrici tghid li ma kinitx taf x'ser taqbad taghmel u fejn setghet tmur bi tlett itfal u bla flus. C qatt ma ta' paga, kien jaghtija bl-ezatt biex jkollha biex tixtri l-htigijiet ta' kull jum. L-attrici talbet ghall-ghajnuna ta' Social Worker billi ma felhitx issofri aktar l-agir abbuziv u vjolenti ta' zewgha.

L-attrici qed titlob li tigi fdata bil-kura u kustodja tat-tlett uliedha Andre', Roberto u Dario, peress li kienet hi li hadet hsiebhom u segwiet mill-qrib l-izvilupp taghhom. Zewgha kien ghazel li jibqa' jghix hajja ta' guvni, jidhol id-dar tard bil-

lejl u hi fid-dar mat-tfal. Mhux fl-interess tat-tfal li jkunu mieghu billi hu bniedem aggressiv u vjolenti.

Il-konvenut ghandu n-negozju tieghu u jbiegh il-fjuri. Hi ma tafx x'jaqla'; lilha qatt ma ta' paga, il-flus jiehdu hsiebhom hu u ohtu Tessie. It-tfal Roberto u Dario ghadhom l-iskola mentri Andre' spicca u bi hsiebu jibda kors tal-computer. Hi tahdem part time bhala cleaner tlett darbiet fil-gimgha. Ma tistax tahdem full time billi trid tiehu hsieb it-tfal, pero' lanqas ghandha opportunita' ta' xoghol full time fejn tahdem.

L-attrici, annettiet man-nota guramentata tagha l-FS3's ghas-snin 2004 u 2005.
Jirrizulta li fit-2004 kienet tahdem bhala cleaner fid-Dar Fra Diegu, Hamrun u f'dik is-sena rceviet LM989, Fol 49. Fis-sena 2005 rceviet mill-istess impieg l-ammont ta' LM971, Fol 50. Fl-istess nota guramentata ddikjarat li fit-2006, li x-xoghol taghha bhala cleaner sar part time, tahdem tliet darbiet fil-gimgha u taqla' LM70 fix-xahar. Meta gie terminat l-impieg tal-attrici bdiet tahdem darba kull tlett gimghat tnaddaf go dar privata u taqla' Euro 25 kull tlett gimghat.

Mill-formuli tat-Taxxa ipprezentati mill-konveut, jirrizulta li fis-sena 2004 iddikjara li qala' LM2307 mix-xoghol tieghu, Fol 65, fis-sena 2005 iddikjara li qala' LM2,173 Fol 70 u fis-sena 2006 iddikjara li qala' LM2,378 Fol 73 a tergo.

Hadd mill-partijiet ma pprezenta provi aggornati dwar id-dhul rispettiv.

Dwar il-komunjoni tal-akkwisti ddikjarat li tikkonsisti fis-segwenti:

1. Id-dar matrimonjali 172, Triq Brighella, Hamrun. Fuq din d-dar ma hemmx dejn u hi tixtieq li din tinbiegh u r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom.

2. Diversi oggetti mobbili li jinsabu fid-dar matrimonjali. Hi ddikjarat li ser tipprezenta lista tal-affarjiet u kif tipproponi li jaqsmuhom.

3. In-negozju tal-konvenut " Gladjola Florist" il-Hamrun. L-attrici titlob li issir stima u hi tigi assenjata sehemha minn dan in-negozju.

4. Ma hemmx dejn hlief loan ta' LM300 mal-Bank of Valletta biex inxtrat il-kcina. Hi pproponiet li din tithallas minnhom ugwalment. Hemm overdraft facility mal-Bank of Valletta u l-HSBC Bank Malta plc li pproponiet li jithallsu minnu.

5. Kontijiet bankarji f-isimha m'ghandhiex, pero' hemm diversi kontijiet f'isem ir-ragel. Hemm ukoll kontijiet f'isem it-tfal, u Tessie Azzopardi oht C ghandha prokura biex tamministralu. Dwar dan l-attrici tghid li qatt ma giet kkonsultata.

L-attrici pprezentat affidavit ulterjuri fl-4 ta' Novembru 2008 fejn ddikjarat li kienet inkwetata kif il-konvenut kien qed jagixxi fil-konfront tat-tfal minn mindu mar jghix fuq il-hanut, kien jghidilhom li spicca bla flus minnhabba fiha, dahhal it-tfal f'hafna tensjoni, kien juza kliem dispreggjattiv fil-konfront taghha, tant li l-attrici kellha taqta' il-linja tat-telephone. Il-konvenut beda jisegwi l-passi taghha u jghajjarha "qahba u tigri mal-irgiel".

L-attrici xehdet fis-seduta tal-20 ta' April 2009 fejn ikkonfermat li kienet hadet lill-konvenut ghand il-Psikjatra Dr George Debono, li kien ordnalu xi pilloli, li fuq parir ta' ohtu ma xtrathomlux.

Fis-seduta tas-26 ta'Ottubru 2011 iddikjarat li kemm ilha separata gieli hadmet ghand is-Sorijiet ta' Fra Diegu. Ghamlet seba' snin tlett darbiet fil-gimgha, pero' wafqet billi bdew jugawha idejha u spalitha. L-attrici annettiet affidavit ulterjuri Fol 215 mar-rikors taghha biex it-talba ghall-firda personali tinbidel f'wahda ta' divorzju. Hi rrilevat li b'digriet tas-7 ta' Frar 2007 il-konvenut gie ordnat ihallas manteniment ta' LM120 kull erba' gimghat u peress li t-tifel Andre' kellu 21 sena, l-konvenut kien qed jaghtiha Euro 187 fix-xahar ghaz-zewgt itfal l-ohra Roberto u Dario. Roberto ghalaq 18 il-sena fis-16 ta' April 2012 u Dario ghalaq 18 il-sena fil-11 ta' April 2013. Billi Dario ser jibqa jistudja l-konvenut ghandu jibqa jhallas manteniment ghalih sakemm jaghlaq 23 sena.

Salvina Frendo Cumbo, oht l-attrici, fl-affidavit taghha mahluf fil-25 ta'Ottubru 2006, Fol 33 et seq, ikkonfermat li saret taf lil C meta dan beda johrog ma' ohtha. A kienet nqabdet tqila wara ftit xhur u mill-ewwel bdew il-preparamenti ghat-tieg. Hi indunat ftit xhur wara z-zwieg li kellhom il-problemi. C kull darba li jkun hemm okkazjoni tal-familja kien dejjem jaqla' l-inkwiet u jispicca jghajjar u joffendi lil kullhadd. Kien ghamel hekk lil ommha ghajjaraha quddiem in-nies u sabitha titrighed u tibki. Hi kkonfermat li C hu bniedem aggressiv u li A kienet tibza' minnu. Semmiet l-incident meta C kien sawwat lil A, li bl-ghajnuna tal-Pulizija dahlet f'shelter, cioe' 'Merhba Bik', damet hemm ftit granet sakemm mar jikbilha bil-familjari tieghu u hafritlu.

Ikkonfermat li kienet tara hafna tbengil fuq wicc u fuq idejn A, li kienet tahbilhom li C kien issawwatha. Hi tghid li kienet tinkwieta ghaliha, ghax A kienet tipprova turi li kollox kien sew pero' kienet tidher mdejqa, hosbiena u inkwetata. Hi bhala Social Worker kienet indunat li C m kienx bniedem normali u kellu problema biex jikkontrolla r-rabbja tieghu. Ikkonfermat li kien hemm hafna indhil mill-familjari tieghu, ohtu kellha c-cavetta tad-dar u kienet tidhol meta trid. C kien vicin hafna

ta' ommu u baqa' haga wahda mal-familja tieghu, pero' lil A kien icahhadha mill-familja taghha. Tghid li lil ulied il-partijiet bil-kemm tafhom ghalkemm iz-zija taghhom. A ma felhitx aktar tissoporti l-agir ta' C, u damet issofri sakemm fl-ahhar iddecidiet li tissepara.

Il-konvenut, fl-affidavit tieghu ppresentat fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2010, ikkonferma li kellu 32 sena meta ltaqa' mal-mara u damu xi 5 xhur gharajjes.
Hu jghid li wara 17 il-gurnata li kienu ilhom johorgu flimkien, l-attrici qaltlu li kienet tqila. Hu accetta li t-tarbija kienet tieghu. Kienet qaltlu li harget ma' rgiel ohra, u hu qalilha li kellu depression billi kien hadha bi kbira li kien qed jitlef xaghru. Accettaw lil xulxin kif kienu u baqghu johorgu flimkien.

Meta zzewgu kien jahdem f'pet shop mikri ghandu u kkontesta dak li qalet hi li kienet tmur tghinu fil-hanut. Jghid li qatt ma halliha nieqsa mill-flus. Jilmenta mill-fatt li bdiet tiskartah sesswalment. L-ewwel tifel twieled erba' xhur biss wara z-zwieg, it-tieni wiehed wara erba' snin u sena wara twieled l-iehor. Jghid li kienet tahtfu u tkellmu hazin. Skanta kif bdiet tiskartah sesswalment billi fl-gherusija kellha hajja sesswali attiva hafna.

Wara 16 il-sena l-attrici cemplet lill-ohtu u qaltilha li ser titilqu.  Jghid li kienet tohrog, thalli t-tfal wahedhom u tirritorna fit-8.30 pm u jekk jistaqsiha fejn kienet tirrispondih b'mod vulgari. Ma baqghetx tahsillu u ssajjarlu, bdiet tevitah anke fid-dar u mtela' tensjoni.  Jghid li bdiet terfa' idejha fuqu,  kemm-il darba kellu jimbuttha  biex ma tahbatx ghalih. Kienet toffendih b'ommu. Ghall-ewwel ma kienx jaghmel rapport izda wara beda jaghamilhom.  Jghid li martu kienet taghmel hafna rapport foloz.  Hu kkonferma li fuq parir tal-Avukat tieghu, hareg mid-dar matrimonjali u mar jorqod fl-art fil-hanut.

Jghid li l-mara tahdem bla ktieb, hu bil-kemm jaqla' x'jiekol, ohtu thallaslu il-bolol tan National Insurance u tghinu fil-hlas tal-manteniment.

Fis-seduta tat-2 ta' Frar 2011, il-konvenut ipprezenta dikjarazzjoni b'zieda mal-affidavit tieghu u xehed in kontroezami fis-seduta tat-28 ta' Frar 2011. Hu cahad li taqqal l-attrici bi hsieb. Ammetta li kellu relazzjoni ma' Ingliza qabel ma beda johrog mal-attrici; li kien jaghti lill-attrici xi haga tal-cash bhal LM20, u kien jaghmel ix-xirjiet; u li ohtu Tessie kellha c-cavetta tad-dar u kienet tohodlu hsieb il-kontijiet.  Il-konvenut kompla jixhed fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2011 u fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2012.

Fis-seduta tal-15 ta' Frar 2007 xehedet Ann Cachia, Head tad-Dar Merhba Bik ,li kkonfermat li fit-22 ta' Marzu 1998, l-attrici dahlet hemm b'zewgt itfal u li l-ghada wara li tkellmet mar-ragel iddecidiet li tmur lura id-dar.

Quddiem il-Perit Legali xehdu il-Pulizija dwar ir-rapporti u r-rapprezentanti tal-Banek dwar il-kontijiet bankarji.  Fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2007 xehed il-Psikjatra Dottor George Debono li kkonferma li kien ra lill-konvenut fin-1998 u kien jikkurah ghad-Depression u ghal Hypomania. Hu ddikjara li f'dan il-kas id-Depression kienet bipolar, cioe' stat depressiv li jista' jaqleb ghal stat ecitat jew aggressiv.  Fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2008 xehed il-Psikjatra Dottor Mark Xuereb li xehed dwar ir-rikoveru tal-konvenut  fl-Isptar Monte Carmeli bejn id-29 ta' Ottubru 1985 u it-2 ta' Mejju 1986.

Fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2010, l-konvenut ipprezenta affidavit ta' ohtu Tereza Azzopardi, li xehdet fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2010. Hi pprecizat li ghalkemm kellha c-cavetta tad-dar, kienet tmur biss meta kellhom bzonnha bhal meta kienet toqghod mat-tfal u mhux biex tindahal. Ikkonfermat li t-tfal ihobbuh hafna lill-missierhom Hi xehedet in kontroezami fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2011.

Xehdu ukoll l-Psikjatra Dottor Peter Muscat, seduta tal-25 ta' Novembru 2010, xehdet in eskussjoni l-Espert Mediku l-Psikjatra Dottor Ethel Felice fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2012 u fis-seduta tad-29 ta'Ottubru 2012.

Fir-rapport taghha il-Perit Legali waslet ghall-konkluzzjonijiet segwenti:

1. L-ewwel talba ghandha tigi milqugha in parte billi ghandu jigi pronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet billi z-zwieg tkisser irrimedjabbilment minnhabba eccessi, swat,theddid, mohqrija psikologika u sevizzi kommessi mill-konvenut fil-konfront tal-attrici; u in linja sussidjarja minhabba l-ingurji gravi kommessi miz-zewg partijiet fil-konfront ta' xulxin.

2. It-tieni talba ghandha tigi michuda billi it-tfal ma ghadhomx minuri.

3. It-tielet talba ghandha tigi milqugha u l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas manteniment lill-attrici l-ammont ta' Euro 125 pagabbli kull xahar bil-quddiem f'kont bankarju indikat mill-attrici; fil-kas li Roberto u Dario jew min minnhom jibqghu jistudjaw fuq bazi full time, l-konvenut ghandu jigi ordnat ihallas manteniment ghalihom fl-ammont ta' Euro 100 fix-xahar ghal kull wild pagabbli bil-quddiem lill-attrici jekk it-tfal jkunu qed jghixu maghha, f'kont bankarju minnha indikat, jew direttament lit-tfal jekk ma jkunux qed jirrisjedu ma' ommom f'kont bankarju minnhom indikat, u dan sa eta' massima ta' 23 sena.

4. Ir-raba' talba ghandha tigi milqugha in parte, billi fil-konfront tal-konvenut ghandhom japplikaw il-provvedimenti tal-Artikolu 48 u 51, 53, 54 sub-artikoli (1) sa (3) u l-Artikolu 55 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Il-hames talba ghandha tigi milqugha billi tigi dikjarata xjolta u tterminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, u jigu divisi l-assi tal-komunjoni billi:

a. l-akkonti bankarji segwenti ghandhom jigu trasferiti f'isem l-istess tfal lil min isejjhu:

Akkont mal-Bank of Valletta plc numru 1380342404-5 intestat f-isem C Cammileri A/c Dario B Dok JBC 3.

Akkont mal-Bank of Valletta plc numru 1380342405-8 intestat f'isem Roberto B Dok JBC 4.

Akkont mal-Bank of Valletta plc numru 40013457202 intestat f'isem C Camillleri A/c Andre' Dok JBC 6.

Akkont mal-Bank of Valletta plc numru 40015098546 intestat f'isem C B A/c Roberto Dok JBC 9.

b. Ghandu jigi assenjat lill-attrici l-akkont Savings intestat f'isem l-istess attrici mal-Bank of Valletta plc numru 40011482538.

c. Ghandhom jigu assenjati in toto lill-konvenut il-kontijiet bankarji numru 023-030315-050 mall-HSBC Bank Malta plc u dak numru 138-0342401-6 mall-Bank of Valletta plc intestate f'isem il-konvenut.

d. Il-fondi li hemm fil-kont numru 237042662 mal-HSBC Bank Malta plc intestat f'isem il-konvenut ghandhom jigu assenjati liz-zewg partijiet f'ishma ugwali bejniethom.

e. Il-konvenut ghandu jassumi u jhallas wahdu d-dejn fuq il-business overdrafts pendenti fil-kont bankarju numru 085077832001 mal-HSBC Bank Malta plc u l-kont numru 40013898777 mal-Bank of Valletta plc.

f. L-akkont bankarju mal-Bank of Valletta plc numru 40012961472 indikat bhala consumer loans ghandu jithallas miz-zewg partijiet ugwament.

g. Id-dar matrimonjali 172, Triq Brighella, Hamrun ghandha tinbiegh fuq is-suq liberu bi prezz li fuqu jaqblu l-partijiet, fin-nuqqas ta' qbil bill-prezz stabilit minn perit tekniku nominat minn din il-Qorti, u fin nuqqas ta' biegh fiz-zmien sena, tinbiegh bis-subbasta, bl-ammissjoni ta' obblaturi estranji, b'dan li l-attrici tinghata il-fakolta' li tibqa tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni ta' zewgha sa

zmien sena mid-data tas-sentenza. Ir-rikavat mill-bejgh ghandu jinqasam ugwament bejniethom.

h. Il-kirja tal-fond u n-negozju bl-isem " Il-Gladjola Florist", Triq Vincenzo Bugeja, Hamrun ghandu jigi assenjat in toto lill-konvenut.

i. Il-Konvenut ghandu jircevi l-mobbli elenkati bhala parafernali tieghu fil-lista markata Dok NS2; mentri l-attrici ghandha tircevi l-mobbli elenkati fid-Dok NS2 li nxtarw minnha wara li l-konvenut ivvaka id-dar matrimonjali; il-kumplament tal-mobbli ghandhom jigu divisi kif propost mill-istess attrici fid-Dok NS2.

6. Is-sitt talba ghandha tigi milqugha, u ghandu jigi nominat Nutar biex jippubblika l-att opportun f'zmien xaharejn mid-data tad-decizjoni, u kuratur biex jirrapresenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

7. Is-seba' talba ghandha tigi milqugha, u tigi ordnata li ssir l-annotazzjoni relattiva tad-decizjoni fir-Registru Pubbliku.

8. It-tmien talba ghandha tigi milqugha u l-attrici ghandha tigi awtorizzata tirriverti ghall-kunjom xbubitha "Borg".

Dwar l-ispejjez l-Perit Legali kkonkludiet li tlett kwarti jithallsu mill-konvenut u kwart mill-attrici.

Il-konsulent legali tal-attrici fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2015 ddikjarat li kellha istruzzjonijiet mill-istess attrici biex ma tipprezentax nota tal-osservazzjonijiet, u rremetthiet ruhha ghal-konkluzjonijiet peAli.

Il-konvenut ipprezenta nota ta' kritika ghar-rapport peAli fl-4 ta' Frar 2016, Fol 808 et seq. Hu ssottometta li l-Perit Legali naqset milli taghmel valutazzjoni korretta tad-difikultajiet psikologici li minnhom irrizulta li kien jbaghti l-konvenut, dawn ma kienux atti malizjuzi da parti tieghu u dwarhom ma ghandux jigi kastigat. Hu jghid li dejjem hadem fl-interess tal-familja kollha, martu u uliedu, li ghalkemm maggorenni ghadhom migburin flimkien ma' ommhom fid-dar matrimonjali. Hu jikkontesta l-allegazzjoni li tal-familja kienu jindahlulu, u jgib bhala ezempju il-fatt li wahdu ddecieda li jmur jghix ghar-rasu f'kamra dilapidata li kellu mal-hanut, fejn kien ghadu qed jghix. Hu jghid li kien l-bread – winner tal-familja billi xoghol tal-attrici ma kienx regolari u li taqla' kienet izzommu hi. Jissottometti li z-zwieg tkisser irrimeddjabbilment bi htija taz-zewg nahat indaqs.

Dwar il-manteniment iddikjara, li billi z-zwieg tkisser bi htija tat-tnejn ugwalment, ma ghandux jkun obbligat ihallas manteniment lill-martu. Hu rrileva

li z-zwieg gie dikjarat null mit-Tribunal Ekklesjastiku, zwieg illi ghandu jigi dikjarat null anke mill-AwtoAjiet Civili.

Hu ddikjara li it-tnejn kienu waslu ghall-eta' pensjonabbli u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega tal-mamteniment.

It-tfal humma it-tlieta maggjorenni u ma jidhirx li xi hadd minnhom ser jkompli bl-istudji sakemm jaghalaq 23 sena. Hu ddikjara, pero', li jekk xi wiehed minnhom jkompli jistudja sa dik l-eta' hu jkun dispost li jhallas il-manteniment relattiv.

Il-konvenut ma jaqbilx li ghandhom jigu applikati kontrih l-Artikoli 48,51, 53u 54 tal-Kodici Civili billi jinsisti li l-htija kienet tat-tnejn anzi izjed taghha billi naqqset li tappoggjah fiz-zmienijiet difficili meta kellu problemi psikologici.

Dwar it-terminazzjoni u divizzjoni tal-assi tal-komunjoni, ghalkemm kellu xi rizervi, in linja generali qabel ma' dak propost mill-Perit Legali u ddikjara li " hu lest li jirrimetti ruhu ghal tali qasma".

Dwar id-dar matrimonjali, pero', esprima ix-xewqa tieghu li din tibqa' in komun bejn il-partijiet, bid-dritt ta' abitazzjoni favur it-tlett ulied, sakemm dawn jibqghu jghixu fiha. Meta johorgu mid-dar din tinbiegh bil-valur tas-suq ta' dak iz-zmien, u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

**Il-Kondizzjoni Medika tal-Konvenut.**

Il-Psikjatra Dr. Mark Xuereb, li xehed fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2008, mizmuma mill-Perit Legali kkonferma li l-konvenut kien gie admitted fl-Isptar Monte Carmeli fil-21 ta' Novembru 1984 u damm hemm sas-6 ta' Frar 1985. Rega' gie rikoverat fl-istess sptar fid-29 ta' Ottubru 1985 u gie rilaxxjat fit-2 ta' Mejju 1986. Gie rikoverat l-ewwel darba peress li kellu hsibijiet li jwegga' lilu nnifsu. Inghata kura psikjatrika ghall-agitazzjoni, ghar-rabbja u ghall-fissazzjoni li kellu. Id –djanozi kienet Schizophrenia. Kellu wkoll Body Dysmorphic Disorder, fejn pazjent jahseb li parti esterjuri tal-gisem tkun sfigurata jew diffetuza b'mod li timpedilu li jghix hajja normali. Fit-tieni admission iddahhal l-ITU billi ipprova jitghallaq, kellu ilma eccessiv fil-mohh, dan kien 'a very serious suicide attempt'.
Fit-tmiem tal-admission il-hsibijiet ta' suwicidju telqu, ma kienx aktar aggressiv u l-fissazzjoni tax-xahar naqset. Il-konvenut kellu storja twila fis-Psychiatric Unit u fl-Out Patients. Ipprova joqtol ruhhu b'idejh darbtejn, fis-27 ta' Ottubru 1985 ipprova jitghallaq u fit-2 ta' Ottubru 1986 ha overdose.

Il-Psikjatra Dottor George Debono, li xehed fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2007, iddikjara li jiftakar lill-konvenut vagament bhala pazjent tieghu, kien mar ghandu

privat fl-1998. Kien ikkurah ghall-Depression u ghal Hypomania. Id-depression kienet 'moderate to severe' u l-hypomania kienet' mild to moderately –severe'.

Ikkonferma li d-depression kienet bipolar, cioe' minn stat dipressiv jista' jaqleb ghal stat ta' hypomania fejn ikun eccitat jew agressiv. Hu ma ftakarx jekk kienx hemm attentati ta' suwicidju.

Il-Psikjatra Dottor Peter Muscat xehed fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2010, hu kkonferma li l-konvenut kien ilu pazjent tieghu xi 23 sena pero' mhux kontinwament. Semma l-kas meta dahal Monte Carmeli, meta kien ghadu guvni wara attentat ta' suwicidju. Kellu fissazzjoni li kien qed jitlef xaharu u kien 'very self conscious'.

Tmintax il-sena wara, fit-28 ta' Marzu 2005 rega' rah billi kien ghaddej minn period difficli, kellu problemi finanzjarji fin-negozju u tlewwem mal-girien minnhabba il-common shaft. Id-djanjozi kienet 'obsessive disorder secondary to problems caused by neighbour'. Il-Psikjatra rega' ra lill-konvenut fil-5 ta' Gunju 2008, meta kien akkompanjat minn ohtu Tessie Azzopardi. Il-konvenut kien infurmah li martu bdiet bil-proceduri ta' separazzjoni, li kien qed ikollhom hafna argumenti, u hafna drabi jissejhu il-Pulizija. It-Tabib ikkonferma li meta l-konvenut ma baqax taht l-kura tieghu kien fieq kompletament, pero' ma jafx x'gara minn meta ma baqax taht il-kura tieghu.

Il-Psikjatra Dottor Ethel Felice b'digriet tat-3 ta' Novembru 2009 giet nominata biex tezamina il-konvenut u tirrelata dwar l-istat mentali tieghu. Hi kkonkludiet, Fol 204 li ma sabitx li l-konvenut jbaghti minn xi mard serju tal-mohh. Hi ddikjarat li waqt l-ezami kien kalm, izda meta s-suggett waqa' fuq is-separazzjoni deher emozzjonat u agitat. Fir-rapport addizzjonali taghha ppresentat fis-17 ta' Frar 2012 ikkonkludiet billi ikkonfermat l-opinjoni kif minnha espressa precedentement pero' dan ma jiffisirx li is-sintomi partikolari li kellu fil-passat ma kienux prezenti. Fl-istess rapport hi tiddikjara li l-konvenut kien jbaghti minn deluzzjonijiet paranoidici, meta l-fatti ma jkunux jirriflettu r-realta'; kien jbaghti zmien ilu minn Delusional Disorder, meta iffissa li qed jaqghalu xahru, pero' din il-kondizzjoni kienet giet ikkurata. Fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2012, meta tkompliet l-eskussjoni tal-espert mediku,din ikkonfermat li meta kellimha, l-konvenut kien kalm,koperattiv, kompost u koerenti, car fil-hsibijiet tieghu , l-emozzjonijiet kienu adegwati u kongruwenti, pero' osservat li waqt is-seduti tas-separazzjoni, l-konvenut rari kien kalm, u dan kien dovut ghal fatt li meta jkun jitkellem fuq xi haga li ghalih hi ta' ugieh, ma jkunx jista' jikkontrolla l-imgieba u l-emozzjonijiet tieghu.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

L-attrici tallega li l-konvenut zewgha hu unikament responsabbli ghall-firda minhabba t-theddid, sevizzi, eccessi, ingurji gravi, vjolenza da parti tal-konvenut fuq l-istess attrici u minhabba inkompatibilita' ta' karattru.

L-konvenut, fir-risposta guramentata tieghu ssottometta li jaqbel li ghandha tigi dikjarata il-firda bejniethom izda dan ghar-ragunijiet unikament imputabbli lil istess attrici. Ma saret l-ebda indikazzjoni specifika dwar l-allegati nuqqasijiet tal-attrici, hlief li fin-nota ta' kritika ghar-rapport peAli, ddikjara li ma ghandhux jigi kkastigat ghad-diffikoltajiet u problemi psikologici li ghadda minnhom, u li martu kellha tappogjah, tikkonslah u tkun ta' wens morali ghalih fil-mumenti difficili.

Mill-provi prodotti rrizulta pero' li l-incidenti ta' vjolenza da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici martu ma kienux l-eccezzjoni, izda r-regola. Kif tajjeb irrilevat il-Perit Legali meta iccitat il-kawza fl-ismijiet " **Caterina Agius vs Benedict Agius**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 1967, il-motivi li jiggustifikaw l-azzjoni ta 'separazzjoni personali huma l-episodji saljenti tal-hajja konjugali, u mhux incidenti minuri.

L-attrici iddeskriviet is-16 il-sena ta' konvivenza ma' zewgha bhala 'infern', kienet kostretta tissaporti l-vjolenza ta' zewgha u meta fethet qalba mal-familjari tieghu, ommu u ohtu, it-tnejn iddiswadewha milli tipprocedi billi hu bniedem sensittiv u jekk tiddecidi li titilqu seta' jkun hemm konsegwenzi serjissimi.

L-attrici ssemmi diversi incidenti ta' vjolenza u aggressjoni li soffriet mill-konvenut. Darba qabad jaghtiha bl-addocc u mliha tbengil. Darba ohra, quddiem it-tifel ta' ohtu, Keith, li kellu 9 snin, taha xeba' b'cowboy boots u qasmilha rasha, Spiccat l-isptar u kellhom jaghamlulha il-punti f'rasha. F'okkazzjoni ohra, fit-22 ta' Marzu 1998, qalghet xeba ohra minn ghandu, u spiccat 'Merhba Bik' bl-ghajnuna tal-kugin taghha Fr. Joe Bajada. Il-konvenut kien isawwat lilha u jiggieled mal-girien. Tghid li kien jabbuza minnha fir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom. Darba rritorna id-dar xurban u meta rrifjutatu ta daqqa ta' curkett fuq ghajnejha u fuq widnejha, dan sar kollu quddiem it-tifel Andre' li pprova jwafqu izda l-konvenut waqaf biss meta ra li l-attrici kellha d-demm hiereg minn halqha.

Il-konvenut jilmenta mill-fatt li kienet bdiet tiskartah anke sesswalment. Hu jichad pero' li kien juza is-sahha maghha pero' kien juriha li ma kienx kuntent meta tiskartah. Ghalkemm jinsisti li qatt ma sforzha jew sawwatha meta rrifjutatu, ikkonceda li gieli argumentaw u gew fl-idejn.

Il-Perit Mediku Psikjatra Dottor Ethel Felice, ghalkemm ikkonkludiet li l-konvenut ma kienx qed ibaghti minn mard serju tal-mohh, iddikjarat li l-kwistjoni

ta' separazzjoni ghalih kienet penuza hafna u fih kienet tiskatta reazzjoni ta' eccitament u aggressjoni. Dan hu kkonfermat mill-istess Perit Legali, li kkummentat li l-komportament tal-konvenut f'xi seduti in partikolari kien ta' bniedem aggressiv u inkontrollabbli tant li kellha tissejjah l-assistenza ta' terzi biex il-konvenut jigi mrazzan, u f'okkazzjoni partikolari kellha tissejjah l-assistenza tal-Pulizija biex il-konvenut jigi allontanat mill-kuriduri tal-Qorti fejn kien qed jhedded mhux biss lill-attrici izda anke lill-konsulent legali taghha. Irrizulta li l-konvenut f'dawn il-mumenti ta' agitazzjoni ma jibqax jikkontrolla lilu nnifsu u hu ta' perikolu ghalih u ghal dawk ta' madwaru.

Dan l-atteggjament aggressiv u vjolenti tal-konvenut waqt is-seduti fil-Qorti ma jhalli l-ebda dubbju, li fil-konvivenza ma' martu kien isib ruhu f'dawn s-sitwazzjonijiet, fejn ma jkunx kapaci jrazzan l-aggressivita' tieghu, b'rizultat li kien jinfexx f'martu, li ghal snin twal kienet vittma tal-vjolenza tieghu fuq il-persuna taghha. L-incidenti imsemmija mill-attrici huma kkonfermati mir-rapporti lill-Pulizija u mic-certifikati medici, u l-aggressivita' tal-konvenut hi kkonfermata mill-istorja medika tieghu.

Mill-provi prodotti rrizulta abbondantement li r-responsabilita' ghall-firda hi unikament tal-konvenut.

L-abbli Perit Legali kkonkludiet, li in linja sussidjarja z-zewg partijiet kkommettew ingurji gravi fil-konfront ta' xulxin; l-konvenut bil-vjolenza minnu ezercitata fuq l-attrici, u l-istess attrici billi kienet tghajjru "mignun" u "frankuni". Ghalkemm hu minnu li l-konvenut kien gie rikoverat fl-Isptar Monte Carmeli, dawn l-insulti ma humiex gustifikati.

Dwar din il-konkluzjoni ghandu jinghad li ghalkemm l-insulti huma dejjem censurabbli u kundannabbli, dawn wiehed ghandu neccessarjament jivvaluthom u jezaminhom fil-kuntest tal-kwadru kollu. Il-kas in ezami hu esperjenza trawmatika ta' sittax il-sena konvivenza difficili ta' mara ma' zewgha, hajja minnha deskritta bhala " infern", fejn kienet vittma ta' diversi incidenti ta' vjolenza u ta' abbuz fuq il-persuna taghha, sitwazzjoni ta' sofferenza kontinwa. Kienet bla flus, zewgha kien jaghtha ftit flus kemm tghaddi bihom, finanzjarjament kienet dipendenti kompletament mhux tant fuq zewgha izda fuq ohtu billi hi kienet tamministralu. Kien impossibbli ghaliha li tiehu d-decizzjoni li kellha tiehu, bla flus ma setghet tmur imkien u baqghet tissoporti ghal snin shah.
F'dan il-kuntest, l-insulti izolati fuq medda ta' sittax il-sena, la kienu l-fattur determinanti ghat-tifrik taz-zwieg, u lanqas ikkontribwew jew incidew fuq ir-relazzjoni taghhom. Kienet il-vjolenza tar-ragel il-kagjun tal-firda taghhom. Ghalhekk il-Qorti ma taqbilx illi t-tghajjir da parti tal-attrici f'sitwazzjoni ta' disperazzjoni kienu xi fattur determinanti fi tkissir taz-zwieg tal-partijiet.

**Kura u Kustodja tal-Minuri.**

Bhala fatt irrizulta li fil-pendenza tal-kawza, l-konvenut unilateralment allontana ruhu mid-dar matrimonjali, mar jghix f'kamra fil-hanut tal-fjuri, negozju li jiggestixxi, u it-tlett ulied, Andre' Roberto u Dario baqghu jghixu ma ommhom fid-dar matrimonjali 172, Triq Brighella, Hamrun. L-attrici, pprezentat affidavit ulterjuri fit-8 ta' Frar 2012, Fol 215, li minnu jirrizulta li dak iz-zmien Andre' kellu 21 sena, Roberto ghalaq 18 il-sena fis-16 ta' April 2012 u Dario ghalaq it-18 il-sena fil-11 ta' April, 2013. It-tlett ulied tal-kontendenti huma illum maggjorenni u ghalhekk il-kwistjoni dwar il-kura u kustodja taghhom giet illum superata.

**L-Artikoli 48 u 51 sa 55A tal-Kap 16.**

L-attrici, fir-raba' talba taghha qed titlob li jigu applikati kontra il-konvenut id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 u 51 sa 55A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Irrizulta li ir-raguni li kkagjonat it tifrik ta' dan iz-zwieg, kienet l-vjolenza tal-konvenut fil-konfront tal-attrici. Il-konvenut irrenda ruhhu hati fil-konfront ta' martu dak li l-ligi telenka bhala, eccessi, swat, theddid, mohqrija psikologika, sevizzi u ingurji gravi.

Is-sanzjonijiet elenkati fl-Artikolu 48 tal-Kap 16 japplikaw, ghal dik il-parti, r-ragel jew il-mara, li tkun hatja tal-firda ghar-ragunijiet imsemmijin fl-Artikolu 38 u 41, cioe' l-adulterju u l-abbandun, minghajr raguni tajba.

F'dan il-kas l-ebda parti ma hi tallega l-adulterju tal-parti l-ohra, u ghalkemm il-konvenut fil-pendenza tal-kawza allontana ruhhu mid-dar matrimonjali, dan ghamlu bl-iskop specifiku, biex jonqsu il-litigji kontinwi tal-partijiet fil-presenza ta' uliedhom.

L-Artikolu 51 tal-Kap 16, jaghti s-setgha lil-Qorti li tapplika l-effetti elenkati fl-Artikolu 48, anke fil-kas fejn il-firda issir ghall-wahda jew izjed mir-ragunijiet indikati fl-Artikolu 40. L-Artikolu 52, jaghti lill-Qorti d-diskrezzjoni ta' kemm u kif dawn ghandhom jigu applikati fuq il-parti li tkun hatja tal-firda.

Fil-kas in ezami, billi rrizulta li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-firda u r-raguni hija wahda gravi minhabba vjolenza adoperata mill-konvenut fuq medda ta' zmien, il-Qorti b'applikazzjoni tal-Artikolu 51 tal-Kap. 16 qed tiddeciedi li ghandhom jigu kkominati kontra l-konvenut is-sanzjonijiet elenkati fl-Artikoli 48 tal-Kap. 16

**Komunjoni tal-Akkwisti.**

Il-partijiet, in linja generali, qablu mad-divizzjoni proposta mill-Perit Legali.

Id-difensur tal-attrici ddikjarat fis-seduta quddiem il-Qorti tat-23 ta' Gunju 2015, li kienet qed tirrimetti ruhha ghar-rapport peAli u fis-seduta sussegwenti tal-10 ta' Novembru 2015 ddikjarat li kellha istruzzjonijiet biex ma tipprezentax nota ta' osservazzjonijiet u ikkonfermat li l-attrici kienet qed tirrimetti ruhha ghall-konkluzzjonijiet peAli.

Il-konvenut, fin-nota ta' kritika ghar-rapport peAli, Fol 808, fl-ahhar pararafu tal-imsemmija nota intestata " Il-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti" jiddikjara li "ghalkemm certi aspetti tal-qasma kif prospettata mill-perit legali tolqtu hazin, b'kollox ma kollox hu lest li jirrimitti ghal tali qasma".

L-unika rizerva tieghu hi dwar id-dar matrimonjali, fis-sens li flok tinbiegh din tibqa' in komun bejn il-partijiet, bid-dritt ta' abitazzjoni favur it-tlett ulied tal-kontendenti, sakemm dawn jibqghu jghixu fiha. Din il-proposta hi kontra l-interessi tieghu personali, pero' ghall-gid ta' uliedhu, partikolarment billi wiehed minnhom jinhtieg l-ghajnuna, hass li kellu jipproponiha.

Il-Qorti pero' tirrileva illi ulied il-partijiet illum huma kollha maggorenni u li d-dar matrimonjali hi propjeta' tal-partijiet u mhux tal-ulied. Ghalhekk il-proposta tal-konvenut f'dan ir-rigward tista' tigi adottata mill-Qorti fis-sentenza taghha f'kaz li jkun hemm ftehim f'dan is-sens mill-partijiet. Fl-assenza ta' ftehim il-ma hemm l-ebda fondament legali sabiex il-proposta tal-konvenuta tigi inkorporata fis-sentenza.

**Manteniment.**

L-attrici, fit-tielet talba taghha, talbet li l-konvenut jigi ordnat ihallas manteniment adegwat ghaliha u ghall-uliedha il-minuri. Il-konvenut fir-risposta tieghu oppona ghal din it-talba u ddikjara li l-attrici ghandha tigi ddikjarata li ddekadiet mid-dritt li titlob il-manteniment u dwar it-tfal hu kien qed jitlob li l-kura u l-kustodja taghhom kellha tigi fdata lilu.

Jghid ukoll li z-zwieg tal-partijiet gie annullat b'decizjoni tatTribunal Ekklesjastiku izda l-ebda prova f'dan ir-rigward ma tressqet. Ghalhekk fid-decizzjoni dwar manteniment il-Qorti mhiex qed tikkonsidra li z-zwieg tal-partijeit gie annullat.

Issottometta wkoll il-konvenut li t-tnejn kienu waslu ghall-eta' pensjonabbli u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li jmantniha l-konvenut.

Dwar l-ulied l-konvenut ikkonferma li t-tlieta huma illum maggjorenni, u hadd minnhom ma jidher li kompla bl-istudji pero' ddikjara li kien dispost ihallas manteniment lil min minn uliedhu, jkompli bl-istudju fuq bazi full time sal-eta' ta' 23 sena.

Fl-eventwalita' li t-tfal Roberto u Dario jkomplu bl-istudju fuq bazi full time, il-konvenut ghandu jigi ordnat ihallas manteniment ghalihom fl-ammont ta' Euro 100 fix-xahar kull wiehed, sakemm jghalqu 23 sena.

L-attrici illum ghandha sittin sena, u l-uniku xoghol li taf u tista' tahdem hu dak ta' cleaner fid-djar privati. Pero' dan hu xoghol ta' strapazz u hi ddikjarat li naqset mix-xoghol propju ghax saret tghejja u ma' tiflahx tahdem aktar minn darba kull tlett gimghat.

Fic-cirkostanzi, kif tajjeb ikkonkludiet il-Perit Legali, l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attrici manteniment ghaliha fl-ammont ta' Euro 125 fix-xahar.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddecidi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut;

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici, tiddikjara illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-konvneut minhabba sevizzi, eccessi u mohqrija u konsegwentement tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet.

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba attrici dwar il-kura u l-kustodja tat-tfal minuri, Andre' Roberto u Dario billi dawn saru maggiorenni;

3. Tilqa' it-tielet talba attrici, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici manteniment ghaliha personalment fl-ammont ta' mija u hamsa u ghoxrien ewro (€125) fix-xahar pagabbli kull l-ewwel tax-xahar f'kont bankarju indikat mill-attrici.

4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 tal-Kap 16;

5. Tilqa' l-hames talba attrici, tiddikjara xjolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti gia' esistenti bejniethom u tordna id-divizzjoni tal-istess skont kif ipproponiet il-Perit Legali fir-relazzjoni taghha, para (v) a,b, c,d,e,f,g,h u i, Fol 799 sa 801.

6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt talba in kwantu mhiex mehtiega.

7. Tilqa' s-seba' talba attrici u tordna l-annotazzjoni relattiva tas-sentenza fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**